# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 791/2014 MH**

**Illum, 1 ta' Ġunju, 2022**

**Emmanuel Catania (KI 83667M)**

**vs**

**Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-attur Emmanuel Catania tal-11 ta' Settembru 2014** li permezz tiegħu ippremetta u talab –

*Illi fir- Rikors Guramentat tieghu ppremetta :*

1. *Illi fil-11 ta' Dicembru 2012 gewwa l-Palumbo Ship Repairs Bormla, waqt li l-attur Emmanuel Catania impjegat tal-socjeta konvenuta, kien qieghed ix-xoghol, huwa korra gravement*

2. *Dan l-incident sehh minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' harsien ta' sigurta da parte tas-Socjeta Palumbo Malta Shipyards Ltd*

3. *B'konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur sofra danni ingenti fuq il-persuna tieghu, griehi ta' natura serja li jwasslu ghal debilita permanenti u li ghalhekk hu sofra danni attwali kif ukoll danni futuri lucrum cessans*

4. *L-istess socjeta intimata giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur, u stante li rrifjutat li thallas, kellha ssir din il-kawza*

*Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex mghandhiex din l-Onorabbli Qorti*

*1.Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol, liema incident sehh fil-11 ta' Dicembru 2012 gewwa l-Palumbo Ship Repairs Bormla u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident*

*2.Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi*

*3.Tordna li s-socjeta konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imghaxijiet legali*

*4.Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittri legali u tal-ittra ufficcjali datata 19 ta' Gunju 2014 kontra s-socjeta intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni*

`1

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' Palumbo Malta Shipyard Limited tat-22 ta' Ottubru 2014**[1] li permezz tagħha tressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

[1] Fol 48 et seq

*Tesponi bir-rispett, u Joseph Calleja (K.I. Nru. ) għan-nom tas-soċjetà konvenuta bil-ġurament jeċċepixxi:*

*Illi s-soċjetà konvenuta tiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent peress li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi s-soċjetà konvenuta ma taħti bl-ebda mod għall-inċident indikat mir-rikorrent u konsegwentement ma hijiex responsabbli għal ebda danni konsegwenzjali li seta' sofra l-istess rikorrent;*

*Illi mill-fatti kif jirriżultaw u kif jistgħu jiġu pprovati, l-inċident mertu ta' din il-kawża ma ġarax tort u ħtija tas-soċjetà konvenuta iżda għal nuqqas ta' attenzjoni, nuqqas ta' diliġenza, u imperizja da parti tar-rikorrent kif ser jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi l-makkinarju misjuq mir-rikorrent fil-jum tal-inċident kien iċċertifikat bħala f'kundizzjoni tajba u mingħajr ħsara;*

*Illi l-kumpannija assikuratriċi tas-soċjetà rikorrenti għadha qed tinvestiga l-inċident, u t-tabib tagħha għandu jeżamina lill-attur sabiex jara hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex jirrevedi l-konkluzjonijiet attriċi.*

*Illi strettament u in forza tal-liġi, ir-rikorrent għandu jipprova illi d-danni sofferti saru b'att jew b'nuqqas tas-soċjetà eċċipjenti kif hekk ċirkoskritt bl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Illi stante li dan l-inċident ma' ġarax tort u ħtija tal-eċċipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku nkarigat minnha Mr Ray Gatt.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensur tas-soċjeta' konvenuta.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur kien impjegat bhala *foreman* mas-soċjeta' konvenuta li magħha kien ilu jaħdem sa minn Ġunju 2010. Preċedentment huwa kien impjegat mal-Malta Shipyards Ltd fejn kien ilu hemm sa mill-10 ta' Novembru 2003 u qabel dan huwa kien jaħdem mal-Malta Shipbuilding sa mill-4 ta' Marzu 1985 l-ewwel bħala apprentist u wara bħala mpjegat[2].

Nhar il-11 ta' Diċembru 2012 l-attur kellu nċident fuq il-post tax-xogħol ġewwa l-Palumbo Ship Repairs, Bormla li fih huwa allegatament sofra ġrieħi ta' natura gravi li kkawżawlu diżabilita' permanenti. Huwa jpoġġi l-ħtija ta' dan l-inċident fuq it-traskuraġni, mprudenza u nuqqas ta' ħarsien tas-sigurta' da parti tas-soċjeta' konvenuta. L-attur qed jitlob lill-Qorti tillikwida u tordna l-hlas tad-danni konsegwenzjali kemm attwali u anke futuri.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet tal-attur bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u targumenta li hija ma taħtix għall-inċident in kwistjoni li seħħ tort tan-nuqqas t'attenzjoni, nuqqas ta' diliġenza u mperizja da parti tal-attur. Għalhekk hija m'għandhiex tirrispondi għad-danni.

## A. <u>Dinamika tal-inċident tal-11 ta' Diċembru 2012</u>

[2] Employment history a fol 75 et seq

Dakinhar tal-inċident l-attur kien ilu fuq il-lant tax-xogħol għal circa tlett sigħat. Huwa kien daħal xogħol f'xi s-sebgħa ta' filgħodu u l-inċident seħħ għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu. Parti mix-xogħol tiegħu kien li jassikura li l-għodda meħtieġa mill-ħaddiema jkunu jiffunzjonaw tajjeb. Inzerta li dakinhar huwa nnota li *grinder* partikolari ma kienx qed jaħdem u allura ddeċieda li jieħdu fil-workshop tal-kumpanija għat-tiswija. Għal dan il-għan huwa għabbieh fuq *forklifter* li kien hemm fil-post. Waqt li kien fi triqtu lejn il-*workshop* isuq il-*forklifter*, huwa beda tiela' t-telgħa. Ġara iżda li f'mument minnhom dan il-*forklifter* bl-attur ġo fih beda nieżel b'lura sakemm faqa' crash barrier u waqa' għoli ta' madwar tlettax -il metru għal ġol-baċir.

L-attur jixhed hekk[3] –

*"...kif wasalt tlett kwarti tat-telgħa, il-forklifter minflok beda tiela 'l quddiem, beda nieżel lura. Dak il-ħin jien bdejt nagħfas il-pedala tal-break iżda din kienet ibbieset u għalhekk jiena bdejt niġbed il-handbreak iżda dan ma telax u bdejt nipprova ndawwar l-isteering għal ġol-ħajt biex ma jibqax sejjer lura imma dan xorta kien iebes, ma stajt nagħmel xejn aktar. F'daqqa waħda ħadt daqqa kbira u ntlift minn sensija u sibt ruħi ġol-baċir li kien fih ftit ilma."*

Diversi ħaddiema li semgħu il-ħoss qawwi tal-waqgħa tal-forklifter għal ġol-baċir taw l-ewwel għajnuna sakemm waslet l-ambulanza li ħaditu l-isptar fejn spiċċa l-ITU u kien fil-periklu li jitlef ħajtu.

[3] Fol 111

Fil-ħin tal-inċident l-attur kien waħdu u għalhekk ma kien hemm ebda xhieda okulari li raw dak li seħħ ħlief għal ħaddiem wieħed, Patrick Chircop, li kien qed jaħdem circa mitejn metru bogħod minn fejn seħħ l-inċident. Huwa xehed li ħin minnhom sema ħoss, ittawwal u ra daħna –

*"Rajt forklifter ġej b'lura, smajt ħoss meta ħabat mal-crash barrier u l-istess crash barrier tqaċċat u rajtu nieżel l-isfel b'lura għal ġol-baċir*[4]*."*

**B. <u>Diżabilita' permanenti</u>**

Fl-atti tressqu diversi provi li jixħtu dawl fuq il-ġrieħi gravi li ġarrab l-attur bl-impatt tal-waqgħa tiegħu fil-baċir imsemmi, kif ukoll fir-rigward tal-effetti permanenti li tali nċident kellu fuq saħħtu u l-mobilita' tiegħu.

i) **Il-*Consultant Orthopaedic & Trauma Surgeon* Mr Jason Zammit, bħala espert ex parte nkarigat mill-attur**, eżaminah circa sena u nofs wara l-inċident nhar it-18 ta' Ġunju 2014 u ta rendikont dettaljat tal-ġrieħi subiti mill-attur u t-trattament li ngħata fil-perjodu li dam l-isptar Mater Dei. L-attur dam hemmhekk 4 xhur u fost affarijiet oħra kellu jiġi operat diversi drabi. Minħabba komplikazzjoni ta' nfezzjoni li żviluppat wara waħda mill-interventi kirurġiċi huwa kellu jittieħed għal perjodu ta' xahrejn oħra ġewwa l-isptar Karin Grech biex issirlu riabilitazzjoni. Huwa kien ġie finalment rilaxxjat lejn id-dar aktar minn sitt xhur wara l-inċident u ċioe' fl-20 ta' Ġunju 2013.

Huwa ddeskriva hekk is-sitwazzjoni kurrenti tal-attur fl-epoka tal-eżami –

---

[4] Fol 187

*"Mr Catania has been unable to return to work after this injury which has completely changed his life. He is dependent on 2 crutches to mobilise and is unable to walk for distances over 100 metres. He needs help from his relatives to dress up and requires regular medication for recurrent pain mainly in his back, hips and legs. He is on regular Paracetamol and takes Atarax and Valium at night.*

*This accident has had a severe impact on his mental state and despite doing his utmost to get as best a recovery as possible he often feels helpless and dependant."*

Il-konklużjoni ta' Mr Zammit kienet li –

*"This accident has had a devastating effect on Mr Catania's life. He has already had an episode of infected metalwork once and may well need further surgery in future in the form of hip replacement. As a direct result of this injury he has sustained a permanent disability of* ***50%****."*

ii) Wara eżami li sar fuq ir-rikorrent mill-**Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali**, huwa ġie klassifikat li għandu diżabilita' permanenti ta' **50%**[5].

iii) **Il-*Consultant Orthopaedic & Trauma Surgeon* Mr Ray Gatt**, <u>inkarigat mill-Qorti bħala espert tagħha,</u> għamel eżami mediku tal-attur circa ħames snin u nofs wara l-inċident u ċioe' fl-4 ta' Lulju 2018. Wara li elenka l-ġrieħi li sofra l-attur

[5] Fol 15

fl-inċident u l-interventi kirurġiċi li kellhom isirulu minħabba f'hekk, l-espert tal-Qorti elenka numru ta' problemi li l-attur kien għadu qed jesperjenza fosthom –

- Uġiegħ kontinwu fiż-żewġ naħat tal-*groin*
- Jista' jimxi biss distanzi qosra f'art lixxa u taraġ jitilgħu biss bil-mod waħda waħda
- Ma jistax ipoġġi bilqegħda tajjeb
- Ma jistax jinħasel waħdu
- Ma jistax isuq karozza normali
- Jieħu pilloli tal-uġiegħ kontinwament

Qabel l-inċident l-attur ma kellu problemi f'ebda parti ta' ġismu.

Il-konklużjoni raġġunta mill-espert mediku kienet illi fil-fehma tiegħu –

*".....Emanuel Catania għandu diżabilita' fiżika permanenti stmata ta'* ***47%*** *bħala riżultat ta' l-inċident ta' Diċembru 2012 li tappartjeni biss lill-problemi ortopediċi. Din hija maqsuma f'diżabilita' ta' 30% fuq il-ġog tal-hip tal-lemin, u 12% fuq il-ġog tal-hip tax-xellug......8% fuq l-immobilita' tal-irkoppa tax-*

*xellug.....2% minħabba d-diskrepanza tad-differenza fil-ħxuna tal-muskoli taż-żewġ saqajn....u 6% minħabba l-problemi tal-għaksa tax-xellug....”*

Jirriżulta wkoll li kawża tal-inċident in kwistjoni u l-ġrieħi u l-konsegwenzi ta' saħħa li baqa' jbati minnhom l-attur, huwa qatt ma kien f'qagħda li jerġa' jidħol lura għax-xogħol tant li huwa kien kostrett jirriżenja mill-impjieg tiegħu.

**Ċ. <u>Responsabbilta' għall-inċident</u>**

**L-artikolu 1033 tal-Kodici Ċivili** jipprovdi hekk:

*“Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.”*

Peress li l-inċident in kwistjoni ġara fuq il-post tax-xogħol, japplika wkoll l-**Att dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta)** li jobbliga lil min iħaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur għas-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati tiegħu kif ukoll li jforni lill-impjegati tiegħu bil-mezzi kollha u bl-apparat neċessarju għal dan il-għan.

Fl-artikolu 6 tiegħu, dan l-Att jestabilixxi li -

**“6.** *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviż Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol" (L.S. 424.18)** ikompli hekk -

**4.** *(1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.*

*(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża.*

*(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u tagħrif kif meħtieġ: Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà*

*meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu.*

**5.** *Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriża u, jew ta' l-istabbiliment –*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa."*

L-istess Att jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-ħaddiema -**

**7.** *(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003** imsemmi jkompli hekk:

***"15.*** *(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu skond it-tagħrif u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:*

*(a) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;*

*(f) jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom."*

Issir referenza wkoll għar-regolamenti tal-leġislazzjoni sussidjarja:

**L.S. 424.09 intitolata Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol, Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali.**

**L.S. 424.18 intitolata Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol.**

Fil-każ **Saviour Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta deċiż fit-18 ta' Marzu 2016**[6] din il-Qorti elenkat rassenja ta' ġurisprudenza dwar l-obbligi legali ta' min iħaddem u tal-ħaddiema -

*"Il-prinċipji legali appena ċitati ġew ripetutament riaffermati mill-Qrati tagħna. Il-kżz fl-ismijiet **Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et** deċiż fis-26 ta' Ġunju 2014 jiġbor fih sinteżi ta' ġurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min iħaddem u anke tal-ħaddiema:*

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawża, fl-ismijiet "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe**", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem."*

*Ġie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min iħaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jagħti x-xogħol għandhom jiġu regolarment mantenuti u miżmuma ħielsa minn difetti u mankanzi"* - *"**Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et"** (Citazzjoni numru 11/92DS).*

---

[6] Rik Gur 852/12

*Inoltre, ġie ndikat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-ħaddiema tiegħu jkunu mħarrġa għat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jagħmlu. Il-ħsieb legali fil-materja ġie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawża bl-ismijiet* ***"Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et"*** *- deċiża fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-teżi li "teżisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oġġettiva li tpoġġi lill-imgħallem li jagħmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun seħħ". Kompliet "Kif tajjeb ġie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali tagħna dwar responsabbilta` fejn jirriżulta event dannuż hija 'fault-based.' Fi kliem ieħor f'kull każ irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawża u l-effett għal dak li jkun ġara."*

*Fil-każ ċitat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xogħol li l-attur/appellant kien ġie mqabbad li jagħmel kien jinvolvi xejn riskjuż - ma ngħatax attrezzi difettużi u lanqas kien jirriżulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuż u r-responsabbilta` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.*

*Kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet* ***"Bugeja vs Montanaro Gauci"*** *- deċiża 14 ta' Mejju 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilita ta' infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

*Hu daqstant minnu iżda, li, min iħaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal li jaqgħu fiha l-ħaddiema u li ħafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "***Grech vs Farrugia***", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1994). Hekk ukoll ġie ritenut fil-kawża "***Borg vs Wells***" (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ*

*fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-kors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol u nuqqas ta' ħaddiema oħra li jkunu nkarigati biex jaħdmu miegħu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-ħaddiem li joqgħod attent waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħolu - għalhekk min iħaddem m'għandux ikun tenut li jipprovdi kontra negliġenza grassa, għax anke l-ħaddiem hu mistenni li joqgħod attent u juża d-diliġenza fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xogħol, u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskju tal-ħsara (ara "**Sciriha vs O'Flaherty noe**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jinġiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-każ* ***Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited*** *deċiża fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet* **Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited** *deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM -*

*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik il grajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-tħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak*

*jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh;" (Ara ukoll App.Ċiv fl-ismijiet* ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd*** *deċiża fid-9 ta' Jannar, 2009)."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tosserva li –

1. Mir-relazzjoni tal-espert tekniku Mario Buttigieg fl-inkjesta Maġisterjali li saret dwar l-inċident in kwisjoni saru diversi konstatazzjonijiet u konklużjonijiet li fil-fehma tal-Qorti jiżvelaw nuqqasijiet varji da parti tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward tal-obbligu tagħha skont il-liġi li tipprovdi *"a safe system of work u a safe working environment"* fosthom li –

- Minn spezzjoni li għamel l-espert tekniku fuq il-*fork lifter* irriżulta li dan kellu diversi *gauges* li ma kinux jaħdmu. Minn xhieda miġbura mill-istess espert kompla jirriżultalu *"b'mod lampanti li dan il-forklifter kellu gauge jew instrument panel illi ma kienx jaħdem u għaldaqstant dan ifisser illi l-operatur tiegħu ma setax ikun jaf kemm għandu diesel fih;*[7]*"*

- Wara li ġie spezzjonat il-*fork lifter* instab ukoll li dan beda miexi lura peress li l-*lifter* spiċċa bla diesel u allura l-operatur ma kellux kontroll fuq l-imsemmi makkinarju;

[7] Fol 212

- L-operaturi li jaħdmu fuq il-forklifter ma għandhom ebda tip ta' taħriġ professjonali. L-attur tgħallem mhux għax għandu xi tip ta' taħriġ speċifikat iżda bis-saħħa tal-esperjenza li għandu mas-*Shipbuilding*. Kien ilu xi 15 -il sena isuq il-*forklifters*.

- Minn eżami profond li għamel l-espert tekniku dwar il-*Health Risk Assessment* tal-kumpanija konvenuta huwa rrileva li[8] –

*"....hemm ukoll nuqqasijiet serji da parti tad-diretturi ta' Palumbo Ship Repairs Limited fejn huma naqsu milli jgħarfu fuq il-perikli li seta' kien hemm għall-ħaddiema u għadaqstant qatt ma ġie rivedut il-*Health Risk Assessement* għar-rigward l-inġenji.* ***Illi waqt l-aċċess irriżulta b'mod lampanti li l-fork lifter odjern kien qiegħed jiġi użat għalkemm kien ċar illi kien qiegħed jaħdem fi stat ta' periklu għal kull min jużah.***

- L-espert osserva wkoll li l-istandards prattikanti għall-ħarsien u eliminar mill-perikli mħaddma mis-soċjeta' konvenuta għandhom jitjiebu sostanzjalment. L-aħħar *Risk Assessment* li kien ħareġ qabel l-inċident in kwistjoni kien fl-**2008**[9] juri li kien hemm ħafna xi jsir biex jitnaqqsu r-riskji fil-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u dan qatt ma ġie rivedut;

- Ħareġ manifestament ċar li ma kinitx l-ewwel darba li dan il-*forklifter* jingħata d-diesel meta l-istess makkinarju jieqaf fit-triq, fejn din id-darba u peress li kien tiela telgħa ma setax iżomm u jikkontrolla l-*forklifter*;

[8] Fol 216
[9] Ħames snin qabel l-inċident.

- F'dan l-inċident jidher li kien hemm nuqqasijiet serji da parti tad-direttur, tas-*Senior Manager*, tal-*Foreman* u anki tal-Mekkanik li setgħu ma osservawx ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta' ai termini tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-leġislazzjoni sussidjarja relattiva surreferita;

- Deher ukoll li l-istess diretturi setgħu kisru provvedimenti oħra tal-liġi tax-Xogħol ai termini tal-Kap 462 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ċertament li dan kollu jitfa' dell serju fuq spallejn is-soċjeta' konvenuta safejn jirrigwarda l-obbligu tagħha li tassikura ambjent sikur għall-ħaddiema tagħha, liema nuqqas evidentement kellu mpatt dirett fuq l-inċident li seħħ fil-11 ta' Diċembru 2012.

3. Addirittura huwa paċifiku li fuq il-*forklifter* mertu tal-kawża odjerna, l-aħħar *service* li sar kien circa xahrejn qabel l-inċident, u ċioe' fl-10 ta' Ottubru 2012 fejn kienu nbidlu l-*bearings* u s-*sub axle* tiegħu. Minn dak iż-żmien sal-inċident in kwistjoni ma sar ebda ntervent ta' ċċekkjar jew manutenzjoni oħra fuqu. Dan huwa obbligu tal-kumpanija konvenuta.

4. Anke l-ħaddiema stess tal-kumpanija konvenuta jixħtu dawl fuq is-sitwazzjoni reali għal dak li jirrigwarda tiswija u manutenzjoni fuq l-inġenji u l-makkinarji tal-kumpanija konvenuta. Fix-xhieda tiegħu, Charles Debono, li kien ilu jaħdem f'dak il-qasam għal madwar 28 sena xehed fost oħrajn li –

*".....Il-Forklifter kien ikun wieqaf għax ġralu xi ħaġa biex jarawh għax il-bqija ħadd ma kien jiċċekjahom biex jara li huma tajbin. Biex jiċċekkjawh irid ikun ġara xi ħaġa bħal ngħidu aħna jmorrulu l-breakijiet. Kien hemm affarijiet li*

*suppost kienu jsiru u ma kienux, bħal per eżempju lanqas il-lifting wires li kienu suppost jiġu ttestjati ma kinux jiġu ttestjati....”*

5. Inoltre, dwar il-fatt li l-*forklifter* in kwistjoni kien ilu xahar sħiħ ma jingħata petrol, is-soċjeta' konvenuta qegħda issa tipprova titfa' r-responsabilta' fuq l-attur (u l-ħaddiema l-oħra) li naqsu li jirrapurtaw dan lis-superjuri tagħhom. Il-Qorti iżda tqis li dan kollu jkompli juri kemm is-soċjeta' konvenuta ma kellhiex fis-seħħ sistema effikaċi ta' monitoraġġ u superviżjoni tal-inġenji tagħha b'mod kwotidjan u effiċjenti minn persuni responsabbli għal dan il-għan. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li inġenji bħal ma huma *forklifters* jibdlu l-idejn il-ħin kollu u jgħaddu kontinwament minn ħaddiem għall-ieħor fil-kors tax-xogħol tagħhom. Huwa prevedibbli li fil-kors tal-bdil tal-idejn ta' dawn l-inġenji - ħafna drabi probabilment għal ħinijiet qosra sakemm jitrasportaw oġġetti minn naħa għal oħra tal-kumpless – ikun hemm aljenazzjoni u nuqqas ta' attenzjoni mill-ħaddiema li jagħmlu użu minnhom safejn jidħlu dawn id-dettalji. Għalhekk huwa aktar impellenti l-obbligu tas-soċjeta' konvenuta li tissorvelja l-operat ħolistiku tal-inġenji tagħha permezz ta' persuni nkarigati appożitament. Dan jingħad ukoll fl-isfond tal-prinċipju ċitat mill-ġurisprudenza li l-*employer* għandu d-dmir li jipprovdi mekkaniżmu fl-operat tal-kumpanija li jikkumpensa għall-aljenazzjoni u nuqqas ta' attenzjoni tal-ħaddiema waqt xogħolhom.

6. Ma' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti żżid li mill-atti tal-kawża rriżultaw fatturi oħra li fil-fehma tagħha jindikaw li l-problema fil-*forklifter* fil-mument tal-inċident ma kinitx biss li spiċċalu d-diesel. Mir-rakkont tal-attur ta' kif seħħ l-inċident, meta l-*forklifter* beda miexi lura flok 'il quddiem, il-pedala tal-break li beda jipprova jagħfas kienet ibbieset u allura l-*forklifter* ma waqafx, il-*handbreak* ma telax u l-i*steering* kien iebes tant li lanqas seta' jikkontrolla d-direzzjoni tal-*forklifter* biex dan idur lejn il-ħajt u forsi kien jiġi ridott l-impatt tal-inċident *de quo*. Dawn il- fatturi m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-fatt li l-forklifter kien

spiċċalu d-*diesel* stante li kieku l-problema fil-*forklifter* kienet biss id-*diesel*, l-attur ma kienx ikollu problema biex iwaqqaf il-*forklifter* bil-pedala tal-*break* u biex jimmanuvra d-direzzjoni tal-i*steering*. B'hekk l-istat tal-*forklifter*, għalkemm dakinhar filgħodu kien *ictu oculi* jidher li kien qed jiffunzjona, evidentement kien qed jakkumula mankanzi tekniċi tali li malli mmanisfestaw ruħhom kontemporaneament fil-ħin tal-inċident, wasslu biex sfortunatament seħħ l-episodju devastanti li għadda minnu l-attur. Dawn id-diffikultajiet tekniċi l-attur ma setax raġjonevolment induna bihom qabel ma beda jsuq għax ma dehrux viżibbli għall-għajn kif donnha qed timplika s-soċjeta' konvenuta meta tinsinwa li skont il-protokol tal-kumpanija[10] l-attur kien imissu ċċekkja jekk il-*forklifter* kellux xi ħaġa stramba qabel saqu. Għalhekk il-Qorti ma tista' ssib ebda ħtija fl-attur għall-akkadut tal-11 ta' Diċembru 2012; lanqas xi forma ta' negliġenza kontributorja kif tissottometti wkoll is-soċjeta' konvenuta.

7. Il-Qorti tqis li huwa ukoll infondat fil-fatt u fid-dritt l-argument tas-soċjeta' konvenuta li l-attur għandu jġorr responsabilta' għall-inċident għax saq il-*forklifter* 'il barra mill-i*stores* meta skont ir-records tal-kumpanija huwa kien meqjus kapaċi li jsuq il-*forklifters* biss fl-i*stores*. Dan stante li s-soċjeta' konvenuta hija tenuta li kienet ben konsapevoli li dan isir fuq bażi regolari għal esiġenzi ta' xogħol u għax ma kienx hemm alternattiva provduta mill-istess kumpanija. Hija setgħet dejjem u f'kull ħin tipprovdi lill-attur u ħaddiema oħra taħriġ appożitu jew taħtar ħaddiema speċifiċi li jkunu mħarrġa apposta biex isuqu barra mill-i*stores*. La dan kollu m'għamlitux is-soċjeta' konvenuta u baqgħet tippermetti lill-attur u oħrajn bħalu li jibqgħu isuqu l-f*orklifters* barra mill-istores għal esiġenzi ta' xogħol, allura hija kienet fi stat ta' akwijixxenza għal dik il-prattika fuq il-post tax-xogħol. Kaz klassiku ta' tagħlaq għajnejk għal kollox la

[10] Xhieda a fol 154

x-xogħol kien qed isir u twarrab kull attenzzjoni dovuta, fil-verita' sakemm jinqala' kif ġara infortun serjissimu.

8. Il-Qorti hija wkoll sbalordita bl-argument tas-soċjeta' konvenuta li l-attur għandu jġorr xi forma ta' responsabbilita' minħabba li fi kliemha "*wettaq manuvra li permezz tagħha biddel it-trajettorja tal-forklifter u seħħ l-inċident għax inbidlet id-direzzjoni u wasslitu għall-baċir*[11]". Meta wieħed iqis id-dinamika tal-inċident u ċioe' li l-attur sab ruħu f'sitwazzjoni b'*forklifter* nieżel lura b'żieda fil-momentum tal-veloċita' – u kwindi inevitabilment f'kuntest ta' paniku u aġitazzjoni inevitabbli – fejn ukoll la l-brejkijiet, la l-*handbreak* u lanqas l-*isteering* ma kienu qegħdin jirrispondu għat-tentattiv tal-attur biex jimmanuvra l-vettura u jieħu kontroll tagħha, allura kif wieħed jista' jimputalu xi tort jekk il-*forklifter* ħa d-direzzjoni għal ġol-baċir flok għal naħa oħra fil-wita'?

Magħmula l-osservazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li hija s-soċjeta' konvenuta li unikament għandha ġġorr ir-responsabilta' sħiħa għall-inċident in kwistjoni. Konsegwentement hija għandha tagħmel tajjeb ukoll għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur kawża ta' dan l-inċident.

**L-ewwel talba tal-attur għalhekk sejra tiġi milqugħa.**

**D. <u>Likwidazzjoni u ħlas ta' danni</u>**

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

---

[11] Fol 284

**L-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili** (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi–

*"(1) ll-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-ġurisprudenża nostrali ngħad dan dwar il-likwidazzjoni ta' danni fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emmanuel Cassar vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et;**[12]

*"Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li "dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv" (P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-isimijiet **Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et** (mhix appellata));*

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-restitutio in integrum safejn*

[12] 1032/2017 deċiża 1/3/2022

*possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn"*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Maria Debono vs Andrew Vaswani***[13] *(mhix appellata) ingħad;*

*Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain" (Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64)*

*Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;*

*Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun*

[13] 3 ta' Ottubru, 2003 ; 48/1994/1

*seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (App. Ċiv.* ***30.11.1964*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Cachia vs Conti et*** *(Kollez. Vol:* ***XLVIII.i.500****)*

*Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (App. Ċiv.* ***7.7.1998*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Gatt vs Carbone noe*** *(Kollez, Vol:* ***LXXXII.ii.242****));*

*Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (70 P.A. JSP* ***31.1.1995*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** *(mhux appellata)). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;*

**a. <u>Damnum Emergens</u>**

L-attur ippreżenta numru ta' riċevuti in konnessjoni mal-inċident *de quo* u li tagħhom qiegħed jitlob ir-rimbors[14]. Dawn l-ispejjeż ikopru –

- xiri ta' mediċini
- viżti għand il-professur
- aċċessorji li kellu jixtri sabiex jindirizza l-bżonnijiet li nqalgħu kawża tad-

[14] Prospett tad-Danni a fol 11 et seq

diżabilita' sofferta minnu fosthom krozzi, bsaten, grab rail u żarbun apposta minħabba li bl-inċident qsaritlu saqajh

- spejjeż tat-televiżjoni għall-perjodu li dam l-isptar

- oġġetti li nkisrulu bl-inċident – żewġ nuċċalijiet u mobile

Mill-irċevuti esibiti l-Qorti hija sodisfatta li dawn l-ispejjeż huma kollha relatati ma' u konsegwenzjali għall-inċident tal-11 ta' Diċembru 2012 u għalhekk sejrin jiġu aċċettati.

**It-total ta' dawn l-irċevuti huwa ta' tlett elef u ħamsa u sittin Ewro u sebgħin ċentezmu (€3,065.70).**

F'dan l-istadju jqum punt ieħor li għandu jiġi diskuss li huwa il-pretensjoni ta' l-attur għal ħlas tal-valur ta' platform lift li huwa qal li għandu bżonn sabiex ikun jista' jitla minn sular għall-ieħor ġod-dar fejn jirrisjedi. Huwa xehed li[15] għandu bżonnu peress li fid-dar għandu żewġ sulari b'42 tarġa u jitla' u jinżel b'diffikulta' kbira. Il-Qorti tqis li mir-rapporti tal-esperti mediċi preżentati in atti ġie kkonfermat mill-lat mediku d-diffikulta' u l-isfidi li jgħaddi minnhom kontinwament l-attur għal dak li jirrigwarda l-mobilita' tiegħu kemm fil-mixi (anke jekk bil-għajnuna tal-krozzi) kif ukoll biex jitla' t-taraġ. **Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li din it-talba hija ġustifikata**. L-istima esibita in atti[16] turi valur ta' €23,196.80 għal din l-installazzjoni. Huwa minnu li skont l-istess stima, li hi datata 19 ta' Diċembru 2014, din kienet tgħodd biss għal 90 jum, iżda jiġi rilevat ukoll li mill-2014 għall-lum il-prezzijiet ta' dawn l-installazzjonijiet huma

[15] Fol 111
[16] Fol 100 et seq

meqjusa li għolew. Pero il-Qorti tqies il-fatti fuq il-provi li nġabu lilha u għalhekk se tezamina din it-talba limitatament għall-valur indikat fl-istima b'aggustament konservattiv biex jirrifletti l-probabbli awment fil-prezz indikat.

Iżid li f''dan ir-rigward il-Qorti għamlet ħsieb fit-tul in kwantu għal fatt li l-attur ma ġabx prova li fil-fatt dan il-lift kien ġie mixtri. Fil-fatt tqies dan bħala xirja prospettata in kwantu l-attur ma jiriżultax li għandu l-finanzi għaliha anke minħabba l-inċident stess li affettwalu mhux ftit l-introjtu mensili tiegħu. Dan anke jiriżulta minn dak li xehdet martu fl-affidavit tagħha li hu kellu introjtu ta' €500 mensili; affidavit li sar fis-sena 2014[17]

Għalhekk tibqa' l-mistoqsija jekk dan il-*lift* hux spiża li għandha tiġi konsidrata taħt id-dannu emergenti mill-inċident jew jaqax taħt it-telf ta' profitti futuri n kwantu dan bħala spiża jimpatta fuq is-somma li tiġi likwidata lil attur għad-danni sofferti *qua lucrum cessans.*

Il-Qorti rat ukoll l-iżvillup li għamlet il-kazistika Ingliża fir-rigward. Hawn tagħmel referenza għal dak li jgħid il-**Munkman** li jagħti *overview* konċiża pero estensivsa ta' kif il-Qrati inġlizi jasslu għal *quatum* gust f'kawzi ta' tort.

In prinċipju generali insibu *"The necessity that damages should be 'full' and 'adequate'was stressed by the Court of Queen's Bench in Fair v London and North Western Rly Co (1869) 18 WR 66, 21 LT 326."* [18]

Il-Qrati Ingliżi għamlu *fine tuning*[19] fir-rigward ta' dawk li huma danni kkalkulati

---

[17] Folio 79

[18] Page 3 par 1.9 **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death**; Twelfth Edition; Gordon Exall.(pubblikazzjoni LexisNexis)

[19] Naraw mill-istess ktieb kif jiġu kkalkulati spejjeż per eżempju inkorsi minn membri ta' familja li spiċċaw jgħixu mal midrub; care home claims; nuqqas ta' abilita' li taħdem ġo darek qua maintenace ta' l-istess DIY konsiderazzjonijiet dwar il-fatt li l-imweġġa jkollu jbiddel ir-residenza tiegħu minħabba turgien, etċ; T

biex wieħed jasal għal dak li jħaddnu ukoll l-Qrati Maltin, posizzjoni ta' *restitutio in integrum*. Għalhekk fl-imsemmi ktieb insibu kapitolu imsejjaħ **Other Heads of Damages**[20] fejn fil-paragrafu **Aids and Appliances**[21] jingħad hekk**;**

***"14.11*** *A large part of the sophisticated approach is due to the increased recognition of the assistance that aids and appliances can provide an injured claimant. Items such as wheelchairs, hoists, physiotherapy aids, prostheses, orthopeadic beds etc may be justifiable cliams. There is, as of yet, no coherent statement from the courts as to the basis upon which damages for aids have been awarded. A usual statement of principle can be found in Castastrophic Injuries:*[22] *'In every case the issue for determination is whether or not the plaintiff reasonably needs the piece of equipement for the purpose of rehabilitation as a result of the disability and whether the cost of the equipment is reasonable, using the standard of mitigation.* ***When answering the two part question, the Court will usually find it persuasive that the injured plaintiff intends to purchase and to use the piece of equipment once compensation funds become available".(enfasi ta' din il-Qorti).***

Naraw ukoll li f'diversi sentenzi tal-Qrati Ingliżi kien hemm ċikrkostsnzi fejn dawn l-apparati mediċi li jiprovdu għajnuna lil imweġġa' ġew akkordati jekk jiġi pruvat l-użu neċessarju u effettiv mill-istess *a kontrario* li jiġi mgħobbi l-konvenut bi spejjeż ta' dak li jista' jiġi kkunsidrat *"..essentially a luxury item"* ara f'dan ir-rigward **Willett v North Bedforshire Health Authority** [1993] cly 1422, [1993] PIQR Q166, QBD per J Hobhouse, ukoll **Whiten v St.George's Healthcare NHS Trust** [2011] EWHC 2066 (QB), [2011] AII ER, fost ħafna oħrajn.

[20] Pagna 131
[21] Page 133
[22] Andrews and Lee (Sweet & Maxwell, 1997), para 7.59.

Tqies ukoll kif insibu fl-istess **Munkman** illi meta l-Qrati jiġu biex jikkwantifikaw id-danni relatati ma dawn l-apparati mediċi jieħdu s-segwenti n konsiderazzjoni:

*"**14.15** The appropiate approach is to;*
*(1) assess the capital costs of the equipment needed;*
*(2) assess the annual cost of maintenance;*
*(3) assess when the equipment will need to be replaced; and*
*(4) apply the appropiate multiplier to items (2) and (3)"*[23]
B'hekk isir il-kalkolu ta' l-ispiża kapitali inizjali u l-ispejjeż futuri neċessarji.

Il-Qorti tqies li din id-diċitura timplika li dawn huma danni li huma kkunsidrati taħt il-kappa tal-*lucrum cessans* anke nkwantu meqjusa bħala spejjeż futuri. Terga tirritjeni li kien jispetta lil attur li jiprova l-ispejjez ta' *maintenance* u oħra relatati ma dan l-apparat. Fatt dan li baqa ma sarx.

Stabbilit dan a bażi tan-nota tad-danni presentata mill-attur it-**Total damnum emergens: €3,065.70**

**b. <u>Lucrum Cessans</u>**

Għal dak li jirrigwarda *lucrum cessans*, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-każ **Simon Abela vs Alexander Mifsud deċiż fis-6 ta' Lulju 2021 -**

*"50. Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza* **Emmeline Cini vs Antoine Cachia**, *deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qliegħ*

[23] Ibid. Page 134

*ieħor attwali li sofra l persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.*

51. *Fil-każ* **Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd** *deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti stabbiliet:*

*"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid isir fuq it-telf ta' qliegħ li l-attur seta' bagħta diġa' minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbagħti 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huwa ġarrab flinċident mertu tal-każ."*

52. *Jirriżulta wkoll illi fil-kawża* **Paul Debono vs Malta Drydocks** *deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' April 2015 ġie ritenut:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hija ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjanti ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero` l-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

Il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

a. Għal dak li huwa **persentaġġ ta' diżabilita'**, il-Qorti sejra tadotta l-persentaġġ ta' sebgħa u erbgħin fil-mija **(47%)** indikat mill-espert mediku mqabbad minn din il-Qorti Ray Gatt.

Ta' min jinnota wkoll li waqt is-seduta tal-15 t'Ottubru 2021[24] id-difensur tas-soċjeta' konvenuta rrimetta ruħu għall-konklużjonijiet ta' dan l-espert mediku filwaqt li d-difensur tal-attur nfurmat li ma kellhiex domandi in eskussjoni x'tagħmel.

b. Dwar **il-multiplier**, ingħad hekk fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deċiż fil-25 ta' Frar 2016 -**

***"Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an*

[24] Fol 257

*income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort-W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[25]. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[26].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." **(Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

[25] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[26] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

Fil-każ odjern jirriżulta li l-attur kellu 45 sena u 10 xhur fid-data tal-inċident[27]. Il-Qorti sejra tuża c-*chart* ċitata **mill-Qorti tal-Appell** fil-każ **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deċiż fit-30 ta' Ġunju 2021.** A bażi ta' dak li ingħad f'dik is-sentenza, tenut kont tal-fatt li l-attur kellu 45 sena u 10 xhur meta seħħ l-inċident, u allura kien iktar fin-naħa l-aktar għolja tal-*age bracket* tiegħu, mhux il-każ li jiġi applikat il-multiplier massimu ta' 14. Il-Qorti sejra tadotta **multiplier ta' 12** li qiegħed ukoll jagħmel tajjeb għall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

Il-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġriehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għall-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.

ċ. Dwar **l-introjtu tal-attur** għal kull buon fini l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Louis Spiteri et vs Citadel Insurance plc et deċiż fit-3 t'Ottubru 2018** fejn esprimiet ruħha dwar jekk l-introjtu għandux ikun kalkulat bħala *gross pay* jew *net pay*.

Hija kienet qalet hekk -

*"Il-Qorti hija konxja li l-ġurisprudenza hija konfliġġenti dwar dan il-punt. Huwa minnu li hemm ġurisprudenza, kwotata mis-soċjeta' konvenuta li tiffavorixxi l-kalkoli a bażi tas-somma netta ta' salarju perċepit mid-danneġġjat. Iżda hemm ukoll ġurisprudenza oħra li timxi a bażi tal-paga gross. Din il-Qorti kif preseduta, kif diġa' kellha okkażjoni tagħmel f'kawżi ta' natura simili timxi in linea mas-salarju gross tad-danneġjat għax fil-fehma tagħha mhuwhiex kompitu tal-Qrati li jidħlu huma fil-kwistjonijiet ta' taxxa li strettament jispettaw lill-parti danneġġjata u d-Dipartiment tat-taxxi.*

*Hekk kif ingħad fil-każ **Ronnie Spiteri et vs Paza Ltd et deċiż fid-29 ta' Settembru***

[27] Fol 18

***2016**[28] -*

*"Il-posizzjoni tal-Qrati tagħna – din il-Qorti tgħid – ġustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-gross wage għaliex it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali huma rrilevanti għall-komputazzjoni tal-lucrum cessans billi dawk huma materji li jidħlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiż iżda ċertament mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant."*

*Ingħad ukoll fil-każ **Frank Brincat et vs Claudia Camilleri deċiż fis-26 ta' Novembru 2010**[29] -*

*"Dwar is-salarju tad-decujus ……jista' jingħad li t-taxxa li seta kien qed iħallas jew li kien għad fadallu jħallas il-mejjet m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni. Fil-kawża "**Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et**" deċiża minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet "**Muscat vs Schembri**" deċiża fis-27 ta Jannar 1972 fejn intqal li "l-income tax li seta' ħallas id-decujus ossia d-danneġġiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidħolx. Bl-istess mod f'"**Micallef vs Cassar**" deċiża fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta' għamel id-danneġġiat għan-National Insurance m'għandhomx jitnaqqsu mill-paga."*

Rat ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Bartolo v. Karl Vella Petroni**[30] li titkellem dwar il-kalkolu li jrid isir minħabba l-għoli tal-ħajja. :

[28] Rik Gur 153/08
[29] Rik 1663/1995
[30] 3 ta' Frar, 2012

*"25. Illi huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi joghlew u dan bhala rizultat tal-inflazzjoni li teffettwa l-purchasing power ta' dak li jkun. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza Galea v. Fenech deciza fis-16 ta' Marzu 2004, "Meta d-danni jirraprezentaw kumpens ghal telf futur, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala "multiplier"."*

*L-attur appellant jissuġġerixxi li l-multiplicand għandu jkun dak ta' €110,605. Kunsidrat li l-kalkolu li qiegħed isir tal-lucrum cessans huwa dak fuq bażi ta' paga grossa tal-attur fl-2010 ta' €93,354, u kunsidrat il-qabża sostanzjali fil-paga tal-attur fuq medda ta' sitt snin, din il-Qorti tqis xieraq li dan l-ammont għandu jiżdied ulterjorment, iżda mhux fl-ammont li jippretendi l-attur, peress li ma hemm l-ebda garanzija li l-paga tal-attur ser tibqa' tiżdied bl-istess ritmu (speċjalment jekk iż-żieda fil-paga grossa hija riflessjoni tas-sahra li ħaddiem jagħmel kunsidrat li l-paga bażika fuq Dok. FS 2 hija ndikata bħala €417 fil-ġimgħa). Għalhekk għall-fini ta' lucrum cessans jitqies aktar xieraq li l-ammont ta' multiplicand f'dan il-każ ikun dak ta' €98,000 sabiex jagħmel tajjeb għaż-żidiet fil-paga li l-attur kien ser jirċievi matul is-snin, kif ukoll għaż-żidiet a bażi tal-għoli tal-ħajja matul il-perjodu tal-multiplier.*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis li skont l-FS3 tal-attur esibita in atti[31] is-salarju gross tal-attur fl-epoka tal-inċident kien ta' €25,699 gross li ghal fini ta' *multiplicand* se żżidhom ghal €27,000 biex jagħmlu tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja

ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

B'hekk **il-qliegħ annwali ser jiġi kalkulat fuq €27,000 fis-sena.**

[31] Fol 16

d. Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet kważi sentejn wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata ftit aktar minn seba' snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ma jirrizultax li kien hemm dilungar inutili mill-partijiet. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 8%.**

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€27,000 x 47% x 12 = €152,280 – 8% = **€140,097.6**

**TOTAL Damnum Emergens u Lucrum Cessans –**
**€3,065.70 + €140,097.6=€143,163.3 (mija tlieta u erbgħin elf, mija tlieta u sittin ewro u tlettin ċenteżmu).**

Ma dana il-Qorti se tgħodd l-ispejjeż tal-lift neċessarju għal attur biex jkun jista' jgħix aħjar ġewwa daru ukoll għax tqies li m'għandux jbati tnaqqis ulterjuri mis-somma adebitata bħala telf ta' qliegħ futur tenut kont tal-fatt li din is-somma apparti li trid issosstni lilu u lil familtu trid tagħmel tajjeb ukoll għal kull għajnuna oħra futura li l-attur se jkollu bżonn minħabba d-diżgrazzja kbira li soffra; bħal għajnuna medika li fiż-żmienijiet tal-lum titraduċi ruħha fi spejjeż kbar u konsiderevoli, spejjeż li ġew inflitti fuqu intortament bħal ukoll per eżempju karozza adattata għal bżonnijiet tiegħu. <u>Tqies ukoll li kwalunkwe argument li dawn huma spejjeż ipotetiċi huwa għal kollox pwerili konsiderat il-ħsara fisika kbira li soffra l-attur: **xejn inqas minn 47%**</u>**.**

Kif ġia ngħad in kwantu il-lift mhux apparat li ġia nxtara allura mhux ikkunsidrat mad-*damnum emergens*, għalhekk qed jiġi kkunsidrat mat-telf ta' qliegħ futur u

b'mod għal kollox konservattiv, qegħda takkorda għal tali spiza is-somma globali ta' €26,000. Iżid li kien jinkombi fuq l-attur li jressaq il-provi neċessarji biex il-Qorti tagħmel il-kunsiderazzjonijiet suriferuti[32] fir-rigward ta' l-istess apparat u tasal għal spejjeż futuri tiegħu bħal tiswijiet u meta l-istess segħta' kellu jinbidel, fatt dan li ma sarx.

Għalhekk is-somma likwidata għandha tkun ta' **€3,065.70 + €140,097.6 + €26,000 = €169,163.3, (mija disgħa u sittin elf, mija tlieta u sittin ewro u tletin ċentezmu)**

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur kif appena deċiż u għall-istess raġunijiet tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar il-11 ta' Diċembru 2012 li seħħ ġewwa l-Palumbo Malta Shipyard Ltd , u għad-danni konsegwenzjali li ġarrab l-attur bħala riżultat tal-istess inċident;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' €169,163.30; (mija disgħa u sittin elf, mija tlieta u sittin ewro u tletin ċenteżmu) bhala danni sofferti minnu kawża tal-istess inċident;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallsu s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;**

[32] Kif stabbiliti fil-ġurisprudenza inġliża

**5. L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**